MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 65/2006/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**v.**

**Joseph Attard, Michelina Refalo, Maria Attard, David Attard,**
**Carmela Caruana, Frances Buhagiar u**
**Angela Sciberras; u b'nota tal-15 ta'**
**Ottubru 2007 Jennifer Buhagiar assumiet l-atti**
**flok ommha Frances Buhagiar peress illi dina**
**hija assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza “kostituzzjonali” u “konvenzjonali” taghha fit-28 ta’ Gunju 2007, wara referenza kostituzzjonali mill-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna. L-*iter* ta’ kif “il-kwistjoni” waslet quddiem il-Prim Awla huwa delineat tajjeb fis-sentenza appellata. Permezz ta’ din is-sentenza, l-imsemmija Prim Awla iddecidiet mhux il-meritu tal-“kwistjoni” mibghuta lilha, izda iddecidiet biss is-sitt eccezzjonijiet sollevati mill-Bank of Valletta (rikorrent quddiem l-imsemmi Bord u appellant quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali) imqajma permezz tan-nota tad-29 ta’ Jannar 2007.

Is-sentenza appellata tghid hekk:
“Din hija riferenza kostituzzjonali magħmula mill-Bord li Jirregola l-Kera għall-Gżejjer ta’ Għawdex u Kemmuna taħt l-art. 43(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 4(3) ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319].

“Il-fatti li wasslu għal din ir-riferenza seħħew hekk:

“Is-soċjetà *Bank of Valletta p.l.c.* [“il-kerrej”] tikri immobbli f’Għawdex mingħand Joseph Attard *et* [“is-sidien”] b’kera ta’ mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm125) fis-sena. Billi dehrilhom illi dan il-kera huwa ftit, l-atturi b’ittra uffiċjali tas-27 ta’ Frar 2003 għal dak li jgħid u jrid l-art. 14(2) ta’ l-Ordinanza dwar it-Tiġdid ta’ Kiri ta’ Bini [Kap. 69] għarrfu lill-kerrej illi l-kera kellu jogħla għal ħamest elef u ħames mitt lira (Lm5,500) fis-sena b’seħħ mill-1 t’April 2003.

“Billi ma qabilx ma’ din iż-żjieda, il-kerrej b’rikors taħt l-istess art. 14(2) tal-Kap. 69 talab lill-Bord li Jirregola l-Kera għall-Gżejjer ta’ Għawdex u Kemmuna jiċħad it-talba għaż-żjieda fil-kera.

“Fis-seduta tat-12 t’Ottubru 2006 quddiem il-Bord sar dan il-verbal:

““Dr Joseph Ellis għall-intimat [is-sidien], in vista tad-deċiżjoni ta’ dan il-Bord li Jirregola l-Kera fir-rikors numru

3/2002 fl-istess ismijiet tat-12 ta' Jannar 2006, kif debitament ikkonfermata fil-Qorti ta’ l-Appell, Ġurisdizzjoni Inferjuri (Għawdex) fis-17 ta’ Lulju 2006, illi permezz ta’ dawn is-sentenzi ġie stabbilit definittivament li l-ebda żjieda fil-kera ma tista’ tiġi awtorizzata minn dan il-Bord jekk tkun aktar minn 40% mill-kera ġust li bih il-fond kien mikri jew seta’ jinkera f’kull żmien qabel l-4 ta’ Awissu 1914, u dana *ai termini* ta’ l-artikolu 4(1)(*b*), tal-Kap 69 u peress illi tali vinkolu jammonta għal esproprjazzjoni *de facto* tal-proprjetà ta’ l-intimati u għalhekk jilledi d-drittijiet tat-tgawdija paċifika tal-proprjetà ta’ l-intimati kif titolati [*sic*] mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġijiet tagħna mill-Kap. 319, u dana anke in vista tal-fatt li l-indiċi tal-proprjetà stabbilit *ai termini* ta’ l-Att dwar l-Akkwist ta’ proprjetà immobbli minn non-residenti juri li l-valuri tal-proprjetà f'pajjiżna fis-sentejn bejn l-1 ta’ Mejju 2004 u l-aħħar ta’ April 2006 żdiedu bi 32% u dana anke in vista tal-fatt li r-rikorrent huwa bank kummerċjali li jagħmel annwalment miljuni ta’ liri fi qligħ u għaldaqstant m’għandu jgawdi minn ebda tutela speċjali miż-żjidiet kummerċjali tal-kera u dana anke fuq l-iskorta tad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet <u>Hutten Czapska *vs* Polonja</u> u d-deċiżjoni riċenti <u>Fleri Soler *et vs* Malta</u>, l-intimati jitolbu li din il-kwestjoni ta’ indoli kostituzzjonali tiġi riferita lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali.

… … …

““Iċ-*chairman*, in vista tal-kwistjoni ta’ natura kostituzzjonali li tqajmet mill-intimati, jirreferi din il-kwistjoni lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tieħu konjizzjoni tagħha. “

“L-atti għalhekk intbagħtu quddiem din il-qorti.

“Fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 2007 il-kerrej talab li jressaq eċċezzjonijiet; il-qorti laqgħet it-talba u l-kerrej ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

"1. ir-riferenza hija nulla għax nieqsa mill-kontenut u l-formalitajiet li jrid ir-reg. 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura fil-Qrati [L.S. 12.09];

"2. qabel ma l-qorti tista' tqis kull kwistjoni dwar ksur ta' jeddijiet fondamentali għandha tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* mressqa mill-kerrej fil-proċeduri quddiem il-bord, "għax il-ġudikat huwa ta' ostaklu għal kull proċedura sussegwenti bejn l-istess partijiet fuq l-istess kwistjoni";

"3. barra mill-ostakolu tal-ġudikat hemm ukoll l-ostaklu l-ieħor ta' l-aċċettazzjoni tal-kera;

"4. fir-riferenza kostituzzjonali ma huwiex ċar x'qiegħed jintalab, b'mod li l-kerrej ma jistax jiddefendi ruħu, għax ma jafx hix qiegħda tiġi attakkata l-liġi nfisha, u, f'dak il-każ fuq liema premessi jew kawżali, jew hix qiegħda tiġi attakkata s-sentenza mogħtija fl-atti tar-rikors numru 3/2002;

"5. jekk qiegħda tiġi attakkata l-liġi l-kerrej ma huwiex kontradittur leġittimu, għax ma għandu ebda setgħa pubblika jew leġislativa; u

"6. jekk il-qorti tqis illi r-riferenza saret sew, għandhom jissejħu fil-kawża l-Prim'Ministru bħala l-Kap tal-Gvern, u r-Reġistratur tal-Qrati, barra milli ssir notifika lill-Avukat Ġenerali.

"Wara li saret trattazzjoni fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, il-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tal-kerrej.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjonijiet waħda waħda.

**<u>"Dwar ir-reg. 5(1) tal-L.S. 12.09</u>**

"L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi r-riferenza ma tiswiex għax ma saritx kifi irid ir-reg. 5(1) tal-L.S. 12.09, billi l-bord la fisser il-fatti li minnhom tqanqlet il-kwistjoni kostituzzjonali u lanqas semma l-artikolu jew artikoli tal-Kostituzzjoni li

jingħad illi qegħdin jinkisru. Kull ma għamel il-bord kien illi irriproduċa t-talba tas-sidien u qal illi "in vista tal-kwistjoni ta' natura kostituzzjonali li tqajmet mill-intimati [is-sidien], jirreferi din il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tieħu konjizzjoni tagħha".

"Ir-reg. 5(1) tal-L.S. 12.09 igħid hekk:

**5.** (1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 46(3) u fl-artikolu 95(2)(*b*) tal-Kostituzzjoni, l-ordni li bih kwistjoni tiġi mibgħuta għandu jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq, it-termini ta' dik il-kwistjoni, u jindika liema hi d-disposizzjoni jew liema huma d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jkunu allegatament ġew miksura.

"Tassew illi r-riferenza setgħet saret ħafna aħjar.

"Madankollu, fil-fehma ta' din il-qorti fil-proċess u fil-verbal tas-seduta li fiha saret ir-riferenza mill-bord hemm l-elementi kollha meħtieġa biex din il-qorti tkun tista' tislet il-fatti relevanti, it-termini tal-kwistjoni u d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, għalkemm għandu jingħad illi dan huwa xogħol illi kien imissu sar mill-bord mhux minn din il-qorti.

"Essenzjalment il-kwistjoni hi jekk inkisirx il-jedd tas-sidien, imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll mal-Konvenzjoni, għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom fid-dawl tal-fatt illi l-liġi ma tħallihomx igħollu l-kera baxx li jieħdu mill-kiri tal-proprjetà tagħhom lill-kerrej meta wkoll dak il-kiri jista' jiġġedded, bir-rieda tal-kerrej biss, *ad infinitum*.

"Il-qorti għalhekk, bis-saħħa wkoll tal-prinċipju *ut res magis valeat quam pereat*, hija tal-fehma illi ma hemmx l-estremi biex tħassar ir-riferenza u tibgħat l-atti lura lill-bord biex dan jimxi kif irid ir-reg. 5(1) tal-L.S. 12.09.

"L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

**"<u>Dwar l-eċċezzjoni ta' *res iudicata*</u>**

"It-tieni eċċezzjoni tgħid illi qabel ma l-bord għamel riferenza kostituzzjonali lil din il-qorti kien imissu ta deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* mressqa mill-kerrej fil-proċeduri quddiemu. Għalhekk, igħid il-kerrej, din il-qorti għandha jew tibgħat l-atti lura lill-bord biex jagħti deċiżjoni dwar dik l-eċċezzjoni, jew inkella għandha tagħti hi deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni qabel ma tidħol fil-kwistjoni kostituzzjonali.

"Li ġara hu illi, qabel l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Frar 2003 imsemmija fuq, li wasslet biex inbdew il-proċeduri tallum quddiem il-bord, kienet saret ittra uffiċjali oħra mill-istess sidien kontra l-istess kerrej dwar l-istess kiri ta' l-istess fond għalkemm dwar skadenza oħra. Il-kerrej kien ikkontesta t-talba b'rikors numru 3/2002, u l-bord, b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Jannar 2006 u mwettqa b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Ġurisdizzjoni Inferjuri, Għawdex, tas-17 ta' Lulju 2006, kien qal illi l-kera xieraq huwa ta' mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm125) fis-sena. Għalhekk, fil-proċeduri tallum, il-kerrej ressaq l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* u jrid illi tingħata deċiżjoni dwar dik l-eċċezzjoni, jew mill-bord jew minn din il-qorti, qabel ma l-qorti tidħol fil-kwistjoni kostituzzjonali.

"Din ir-riferenza kostituzzjonali hija episodju fil-proċeduri quddiem il-bord, iżda din il-qorti għandha ġurisdizzjoni biss fuq din il-kwistjoni, u mhux fuq il-kwistjonijiet l-oħra tal-kawża quddiem il-bord. Din il-qorti, għalhekk, la għandha s-setgħa li tagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* u lanqas li tgħid jekk il-bord għamilx sew jew għamilx ħażin meta għamel ir-riferenza qabel ma ta deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' *res iudicata*.

"It-tieni eċċezzjoni (*i.e.* l-eċċezzjoni illi għandha qabel xejn tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' *res iudicata*, u mhux l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* nfisha) hija miċħuda.

**"<u>Dwar l-aċċettazzjoni tal-kera</u>**

"Dak li ngħad dwar l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* jgħodd ukoll għall-eċċezzjoni dwar l-aċċettazzjoni tal-kera. Dik

hija eċċezzjoni li tmiss lill-bord li jagħti deċiżjoni dwarha, u din il-qorti la għandha tagħti d-deċiżjoni hi u lanqas tgħid il-bord għamilx sew jew ħażin li għamel ir-riferenza qabel ma ta deċiżjoni dwar dik l-eċċezzjoni.

**"Dwar il-jedd tad-difiża**

"Il-kerrej qiegħed igħid ukoll illi ma jistax jiddefendi ruħu għax ma jafx sew il-kwistjoni x'inhi. Għalkemm, fil-fehma ta' din il-qorti, il-kwistjoni kienet ċara biżżejjed mill-bidu, f'kull każ, issa li ġiet definita aktar f'din is-sentenza, u din il-qorti, qabel ma tgħaddi għas-sentenza finali, sejra tagħti lill-partijiet fakoltà jagħmlu osservazzjonijiet ulterjuri qabel ma tagħti s-sentenza fuq il-meritu u tibgħat l-atti lura lil-bord, il-jeddijiet tad-difiża sejrin ikunu biżżejjed imħarsa.

**"Dwar jekk il-kerrej hux kontradittur leġittimu**

"Il-kerrej qiegħed igħid illi ma huwiex kontradittur leġittimu, għax la huwa l-leġislatur illi għadda l-liġi u lanqas ma għandu xi setgħa pubblika oħra.

"Huwa minnu illi l-kerrej ma għandux setgħat pubbliċi, iżda dan ma jfissirx illi ma għandux interess f'dawn il-proċeduri illi huma episodju f'kawża li fiha huwa parti. Għalhekk, ladarba l-kwistjoni kostituzzjonali tqanqlet fi proċeduri li fihom il-kerrej huwa parti, jibqa' kontradittur leġittimu f'din il-fażi tal-kawża wkoll.

"L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva hija għalhekk miċħuda.

**"Dwar jekk għandux jissejjaħ fil-kawża l-Gvern ta' Malta**

"Fl-aħħarnett il-kerrej igħid illi, jekk jiġu miċħuda, kif ġew miċħuda, l-eċċezzjonijiet l-oħrajn, u din ir-riferenza tkompli tinstema', għandu jissejjaħ fil-kawża l-Gvern ta' Malta.

"Rajna illi l-proċeduri quddiem din il-qorti huma episodju f'kawża bejn is-sidien u l-kerrej dwar żjieda fil-kera ta' fond mikri mis-sidien lill-kerrej, kawża bejn partijiet privati li l-

effetti legali tagħha jorbtu lill-partijiet biss. Il-gvern ma għandux interess f'din il-kawża u għalhekk ma jistax jissejjaħ fiha. Dan, iżda, ma jfissirx illi l-gvern ma għandux interess fil-kwistjoni kostituzzjonali li qiegħda quddiem din il-qorti, u għalhekk, għalkemm ma jistax ikun parti fil-kawża ewlenija, għandu jingħata l-fakoltà illi jintervjeni f'dan l-istadju biex, jekk jidhirlu, jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-kwistjoni li tinteressa lilu.

"Fi kwistjoni bħal din, għall-gvern jidher l-Avukat Generali, kif igħid u jrid l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kerrej, tordna illi sir notifika ta' l-atti lill-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta sabiex dan, jekk jidhirlu, jidħol fil-kawża *in statu et terminis* kif igħid u jrid l-art. 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Min mill-partijiet għandu interess illi jitkomplew il-proċeduri għandu jieħu ħsieb illi ssir in-notifika.

"Dwar l-ispejjeż, il-qorti tipprovdi aktar 'il quddiem."

Permezz ta' rikors presentat fis-16 ta' Lulju 2007 il-Bank of Valletta p.l.c. appella minn din is-sentenza. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. fl-ewwel lok hemm l-ostakolu tal-gudikat;
2. galadarba l-kera giet accettata anke ghall-perjodu lokatizju korrenti, ma jistax fl-istess nifs jintalab awment fil-kera;
3. ir-referenza ma tiswiex ghax il-Bord ma ottemperax ruhu mar-*rules of court* li wiehed isib fil-L.S. 12.09;
4. li huwa ma jistax ikun legittimu kontradittur biex iwiegeb ghall-kostituzzjonalita` o meno tal-ligijiet; u
5. il-Gvern ghandu jissejjah fil-kawza peress li huwa hu li ghandu interess li jiddefendi l-ligijiet tal-pajjiz.

Permezz ta' risposta ppresentata fit-22 ta' Awissu 2007 is-sidien tal-fond in kwistjoni – intimati quddiem il-Bord – wiegbu dettaljatament ghal kull wiehed mill-aggravji imqajma mis-socjeta` appellanti. Wara li din il-Qorti kienet

halliet l-appell ghas-sentenza ghall-21 ta’ Dicembru 2007, fl-10 ta’ Dicembru 2007 l-intimati appellati ippresentaw nota li biha ddikjaraw “li qed jirtiraw it-talba taghhom ghal referenza kostituzzjonali u ghaldaqstant qed jitolbu illi dawn il-proceduri jigu kkunsidrati ezawriti u l-atti rinvjati lill-Bord li jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna.”

Jibda biex jinghad li kwantu ghall-imsemmija nota tal-10 ta’ Dicembru 2007, meta ssir referenza ta’ kwistjoni skond l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni (jew skond id-disposizzjoni korrispondenti tal-Kap. 319), “il-kwistjoni” ma tibqax tal-parti li tkun qanqlet dik il-kwistjoni izda ssir tal-qorti li tkun effettivament irriferietha lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Wara li l-qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwistjoni tkun qieset li t-tqanqil ta’ dik il-kwistjoni “ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja” – haga li f’dan il-kaz il-Bord jidher li ma kkonsidrahiex, almenu mhux espressament – u wara li dik il-qorti tkun ottemperat ruhha ma’ dak li tipprovdi r-Regola 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati – haga li wkoll ma saritx, kif gustament osservat il-Prim Awla fis-sentenza appellata – il-qorti tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla halli din tiddeciedi dwar l-istess kwistjoni, b’mod li l-qorti li tkun irreferietha tkun marbuta, fid-decizjoni tal-vertenza bejn il-partijiet, skond kif il-Prim Awla tkun iddecidiet dwar dik il-kwistjoni. Dan kollu jfisser neccessarjament li l-“kwistjoni” imqanqla trid tkun, f’ghajnejn il-qorti li quddiemha titqanqal, verament ta’ ostakolu ghalbiex dik il-qorti tkun tista’ tipprocedi ‘l quddiem biex tidderimi l-vertenza bejn il-partijiet. Ghalkemm il-kwistjoni tkun tqanqlet mill-parti, bid-decizjoni li tirreferiha, il-qorti tkun ghamlet dik il-kwistjoni taghha, b’mod ghalhekk li l-parti ma tistax in segwitu “tirtira” il-kwistjoni jew tirtira “it-talba…ghal referenza”, kif qed jippruvaw jaghmlu s-sidien tal-fond bin-nota taghhom gja msemmija tal-10 ta’ Dicembru 2007.

Minn dan – cioe` li l-kwistjoni trid tkun verament ta’ ostakolu ghad-determinazzjoni tal-vertenza bejn il-partijiet – isegwi li jekk ikun hemm xi ostakolu procedurali iehor li minhabba fih il-qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwistjoni ma tkunx tista’ fi kwalunkwe kaz tipprocedi oltre, “il-

kwistjoni” ta’ indoli kostituzzjonali ma tibqax wahda li tkun tista’ tigi riferuta lill-Prim Awla, ghax id-decizjoni tal-Prim Awla tassumi f’dak il-kaz in-natura ta’ semplici esercizzju akkademiku u mhux decizjoni li tkun tivvinkola lill-qorti li tkun ghamlet ir-referenza fid-determinazzjoni tal-vertenza, determinazzjoni li ma tkun qatt tista’ tasal ghaliha. Issa, fil-kaz in dizamina, galadarba quddiem il-Bord tqajmet (fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2006) il-kwistjoni tal-gudikat (minhabba d-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell [Sede Inferjuri] tas-17 ta’ Lulju 2006), il-Bord kellu l-ewwel jiddeciedi jekk verament kienx hemm dana l-ostakolu tal-gudikat, u mhux jinjora, kif effettivament ghamel, il-kwistjoni – li ghandha n-natura ta’ eccezzjoni – tal-gudikat. X’jiswa, in fatti, li l-Prim Awla tiddeciedi dwar “il-kwistjoni” ta’ indoli kostituzzjonali jekk il-Bord ma jista’ qatt jasal biex jiddeciedi l-vertenza bejn il-partijiet ghax hemm l-ostakolu tal-gudikat? Huwa minnu, kif qalet il-Prim Awla fis-sentenza appellata, li l-kwistjoni tal-gudikat ma tistax tiddecidiha hi; pero` huwa daqstant ovvju li l-Prim Awla m’ghandhiex tintraprendi ezercizzji ta’ indoli kostituzzjonali meta hemm aktar minn semplici possibilita` li l-vertenza ma tistax tigi determinata fil-meritu minhabba l-eccezzjoni tal-gudikat.

Din il-Qorti anqas ma tista’ tifhem kif il-Prim Awla l-ewwel iddecidiet l-eccezzjonijiet sollevati mill-kerrej, u wara ordnat li jigi notifikat l-Avukat Generali biex, jekk dan jidhirlu li ghandu jaghmel hekk, jintervjeni *in statu et terminis*. Trattandosi ta’ kwistjoni jekk ligi partikolari hix leziva tad-drittijiet fontamentali tas-sidien, l-Avukat Generali kellu jew jigi kjamat in kawza fil-bidu tal-proceduri quddiem il-Prim Awla jew ghall-anqas jigi notifikat bir-referenza mill-bidu nett, u cioe` ma’ l-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2007 u fi kwalunkwe kaz qabel ma l-Prim Awla ghaddiet biex tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet imqajma mill-Bank of Valletta bin-nota tad-29 ta’ Jannar 2007.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ l-appell interpost mis-socjeta` Bank of Valletta p.l.c., thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta’ Gunju 2007, tqieghed lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih wara li l-imsemmi Bank issolleva (quddiem il-

Bord) l-eccezzjoni tal-gudikat fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2006, u tibghat l-atti lura lill-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna sabiex, wara li tigi deciza din l-eccezzjoni u jekk ikun il-kaz, l-imsemmi Bord jipprocedi skond il-ligi. L-ispejjez inkorsi quddiem il-Prim Awla u quddiem din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali) ghandhom jithallsu kollha mill-appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------